Kunsill Lokali Paola

*Ref*: 01/7/194/14

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 1**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgħa 6 ta' Mejju 2015. Il-laqgħa bdiet fil-5.35pm. Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Dominic Grima, il-Viċi Sindku Steven Axisa, il-Kunsillier Roderick Spiteri, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, l-Kunsillier Nicholas Seychell u l-Kunsillier Ivan Bartolo.

Il-Kunsillier Tyrone Muscat kienu skużat.

Kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv Kurt Scerri.

Il-Kunsillier Bernard Sean Lynch fetaħ l-ewwel laqgħa tas-Seba' Kunsill bħala l-aktar kunsillier anzjan u qal it-talba.

1. **Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Sindku**

   1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv għadda għall-ewwel item fuq l-Aġenda. Hu staqsa lis-Sur Dominic Grima jekk kienx sejjer jaċċetta l-kariga ta' Sindku. Wara li dan ikkonferma l-aċċettazzjoni, stiednu biex jiffirma d-dikjarazzjoni tal-aċċettazzjoni. (Doc. A anness)

   1.2. Hawnhekk, is-Segretarju libbislu l-Insinja tas-Sindku.

2. **Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Viċi Sindku**

   2.1. Imbagħad s-Segretarju Eżekuttiv, għadda biex jistaqsi lil Kunsillier Steven Axisa jekk kienx sejjer jaċċetta l-ħatra ta' Viċi-Sindku.

   2.2. Dan ikkonferma li kien sejjer jaċċetta din il-ħatra, u s-Segretarju Eżekuttiv stiednu biex jiffirma d-dikjarazzjoni tal-aċċettazzjoni. (Doc. B anness)

## 3. Ġurament tal-Ħatra ta’ Sindku

3.1. Il-Kummissarju tal-Ġustizzja, Dr. Maria Karlsson, li kienet preżenti għal din il-laqgħa stiednet lis-Sindku Dominic Grima jaqra d-dikjarazzjoni tal-Ġurament. Wara li qara d-dikjarazzjoni, Dr. Maria Karlsson stiednet lis-Sur Grima biex ibus is-salib u wara talbitu jiffirma d-Dikjarazzjoni. (Doc. C anness)

## 4. Ġurament tal-Ħatra ta’ Viċi Sindku

4.1. Imbagħad Dr. Maria Karlsson stiednet lil Kunsillier Steven Axisa jaqra d-dikjarazzjoni tal-Ġurament. Wara li qara d-dikjarazzjoni, stiednet lis-Sur Axisa biex ibus is-salib u jiffirma d-dikjarazzjoni. (Doc. D anness )

## 5. Diskors mis-Sindku

5.1. Is-Sindku Dominic Grima feraħ lil membri kollha li qed jifformaw parti minn dan is-7 Kunsill ta’ Paola u awgura ħidma sfieqa lil membri kollha tul il-leġislatura.

5.2. Is-Sindku beda il-kelmtejn tiegħu billi qal li kull membru ġie magħżul biex iservi lil poplu Pawlist u għalkemm il-Kunsill magħmul minn żewġ partiti, hemm bżonn li jopera bħala Kunsill wieħed magħqud għall-benefiċċju tar-residenti u mhux għal-gwadann personali.

5.3. Is-Sindku kompla billi qal li hemm numru ta’ proġetti u inizjattivi li l-Kunsill Lokali jista’ jaħdem fuqhom u kapaċi jirnexxi jekk dejjem ikun magħqud. Kull membru irid jagħmel ftit sagrifiċċju sabiex iservi kif xieraq lir-residenti. Is-Sindku qal ukoll li kull membru irid jaħdem bl-onesta u nuru li dan il-Kunsill m’huwiex eżempju ta’ burokrazjija imma ta’ post fejn wieħed jinqeda simili ta’ kumpanija privata effettiva.

5.4. Is-Sindku Dominic Grima kompla billi qal li f’erba’ snin leġislatura, il-Kunsill Lokali Paola ser jiġi iffaċċjat b’numru ta’ problemi liema problemi jistgħu jissolvew b’diskussjoni u skond kemm il-Kunsill ikun magħqud. Però’ f’dak kollu li ser jagħmel il-Kunsill irid dejjem iżomm f’moħħu ir-resident.

5.5. Is-Sindku kompla billi awgura lil kull membru ħidma siewja fir-responsabiltajiet li kienu ser jingħataw lilhom u kompla billi qal li kif iġib l-istess isem f'kull azzjoni li jieħu kull kunsillier irid ikun responsabbli għall-għemil tiegħu. Qal ukoll li huwa bħala Sindku ser ikun ta' servizz anke għall-membri tal-Kunsill bħal ma il-Kunsill preċedenti dejjem sab l-għajnuna fis-Sindku preċedenti il-Perit Roderick Spiteri u s-Sindku l-oħra.

5.6. Is-Sindku Dominic Grima għalaq il-messaġġ tiegħu billi awgura li l-Kunsill Lokali Paola ikun ta' eżempju għall-Kunsilli oħra u grazzi għall-ħidma bil-għaqal ta' kull membru ta' l-istess Kunsill.

6. **<u>Responsabiltajiet tal-Kunsilliera</u>**

6.1. Il-Sindku talab lis-Segretarju jaqra id-dokument tar-responsabiltajiet tal-Kunsilliera sabiex jiġi approvat mill-membri (Doc. E anness)

6.2. Il-membri approvaw id-dokument u għaldaqstant aċċettaw ir-responsabiltajiet mogħtija lilhom.

7. **<u>Aġġornament</u>**

7.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:00pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 2 ta' Ġunju 2015

| | |
|---|---|
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |